# Qorti tal-Appell Kriminali

## Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tal-25 ta' Frar, 2016

Appell Nru: 236/2014

**Il-Pulizja**

**(Spettur Joseph Mercieca)**

**Vs**

**Elaine Muscat**

**Sandro Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellanti Elaine Muscat detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 204981M u Sandro Mifsud detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 199673M akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fis-16 ta' Marzu 2011, ghall-habta tas-6.30pm, gewwa l-Marsa:

1. ikkomettew serq ta' flus kontanti u cekk/cekkijiet, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro

u sebgha u tletin centezmu (€ 2329.37), bil-persuna u bil-lok, u li sar ghad-detriment ta' Joseph Camilleri u/jew ta' persuna/i u/jew entitajiet ohra;

2. bi hsara tal-istess Joseph Camilleri, ghamlu qliegh b'qerq *ai termini* tal-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema qliegh jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94) izda inqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2329.37);

**Lil Elaine Muscat wahedha** akkuzata ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi:

3. fi triq jew f'post iehor pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku, tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghall-iskop ta' prostituzzjoni jew ghall-skopijiet ohra immorali;

4. kissret l-provediment tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta impost fuqha permezz ta' sentenza definittiva datata 16 ta' Dicembru 2010, moghtija mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D. fejn l-istess Elaine Muscat kienet misjuba hatja ta' sensiela ta' serqiet u kienet giet liberata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

**Lil Sandro Mifsud wahdu** akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi:

5. kiser il-provediment tal-Artiklu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta impost fuqu permezz ta' sentenza definittiva datata 16 ta' Awwissu 2010, moghtija mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D., fejn l-istess Sandro Mifsud kien misjub hati ta' komplicita' f'serq u kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

**Lil Elaine Muscat u Sandro Mifsud akkuzati ukoll talli**:

6. irrendew rwiehom recedivi *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-2 ta' Gunju, 2014, fejn fir-rigward ta' **Sandro Mifsud,** ma sabithux hati tal-kwalifika tal-persuna u tal-lok indikati fl-imputazzjoni mmarkata bin-numru wiehed (1) u ma sabitux hati wkoll tas-sitt (6) imputazzjoni u b'hekk illiberatu mill-kwalifiki tal-persuna u tal-lok indikati f'imputazzjoni mmarkata bin-numru wiehed (1) u illiberatu wkoll mis-sitt (6) imputazzjoni, wara li rat Artikoli 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sabitu hati tal-imputazzjoni mmarkata bin-numru wiehed (1) [cioé ta' serq kwalifikat bil-valur **biss**] u tal-imputazzjoni mmarkata bin-numru hamsa (5) u filwaqt li, fir-rigward tal-imputazzjoni mmarkata bin-numru hamsa (5) ghazlet li ma titrattax mal-imputat ghar-reati li taghhom kien inghata provediment a bazi tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fir-rigward tal-imputazzjoni l-ohra li kienet pruvata (cioé dik ta' serq bil-kwalifika tal-valur biss), il-Qorti ikkundannatu ghal perjodu ta' ghaxar (10) xhur prigunerija;

Fir-rigward tal-appellanta **Elaine Muscat,** ma sabithiex hatja tal-kwalifika tal-persuna u tal-lok indikati f'imputazzjoni mmarkata bin-numru wiehed (1) u b'hekk illiberatha mill-imsemmija kwalifiki, u wara li rat Artikoli 49, 50, 261(c), 267 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sabitha hatja tal-imputazzjoni mmarkata bin-numru wiehed (1) [cioé ta' serq kwalifikat bil-valur **biss**] u tal-imputazzjonijiet mmarkati bin-numri tlieta (3), erbgha (4), u sitta (6) u filwaqt li, fir-rigward tal-imputazzjoni mmarkata bin-numru erbgha (4) ghazlet li ma titrattax mal-imputata ghar-reati li taghhom kienet inghatat provediment a bazi tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-ohra li kienu pruvati (cioé imputazzjoni mmarkata bin-numru wiehed (1) [kwalifikat bil-valur **biss**] u

tal-imputazzjonijiet mmarkati bin-numri tlieta (3) u sitta (6), il-Qorti kkundannatha ghal perjodu ta' tnax (12) il-xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Elaine Muscat u Sandro Mifsud, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Gunju, 2014, fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti

(1) tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha kull fejn sabet htija fil-konfront ta' Sandro Mifsud u tikkonferma kull fejn illiberatu minn imputazzjonijiet jew aggravju; u
(2) fI-konfront ta' Elaine Muscat tirriformaha billi tikkonferma fejn sabitha rnhux hatja ta' mputazzjonijiet jew aggravji u tirriformaha wkoll dwar is-serq aggravat u minflok issib htija taht l-artiklu 85 tal-Kodici Kriminali u dwar il-piena tibdilha f' wahda li iktar taghmel ghal kaz u l-inqas li taghmel hsara lill-istess Elaine Muscat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi fil-qosor il-fatti dwar dan il-kaz kienu s-segwenti. L-appellanta kienet prestat servizzi sesswali lill-certu Joseph Camilleri gewwa l-vettura tieghu fil-Marsa u appena harget minn din il-vettura hija telqet tigri ghal-gewwa vettura ohra li kienet qed tistenniha u li saqet tigri minn fuq il-post Dan qanqal suspett fil-persuna li hadet dan is-servizz li minnufih intebhet li l-appellanta kienet hadet il-kartiera tieghu. Wara insegwiment, l-appellant li kien qed isuq il-vettura li kienet qeda tistenna lill-appellanta, habat u l-appellanta rritornat il-portafoll minghjar ma hadet xejn minnu. Din il-kartiera

kienet tikkontjeni madwar sitt mija u erbghin euro flus kontanti u zewg *cheques* wiehed valur ta' ghaxart elef euro u iehor valur mhux mgharuf. Skond l-appellanta, hija hadet il-kartiera tal-klijent ghaliex ma riedx itiha kemm talbet wara li mar oltre dak miftiehem. L-appellant jghid illi ghalkemm l-appellanta hija t-tfajla tieghu, hu ma kienx jaf ghaliex dahlet tigri fil-vettura tieghu u ma kienx jaf li kien segwit minn Camilleri hlief meta dan tal-ahhar saq ghal fuq il-vettura tieghu waqt l-insegwiment, laqtu fuq wara u kawza ta' hekk habat u anke wegga;

Fl-ewwel aggravju tieghu, l-appellant jilmenta illi ma setghax jirrizulta r-reat ta' serq aggravat bil-valur fil-konfront tieghu la darba ma kienx hemm ftehim bejn iz-zewg appellanti li din kellha tisraq il-kartiera u jitilqu biha flimkien. L-abbli difensur tal-appellant fis-sottomissjonijiet taghha, ghalkemm taqbel illi l-istqarrija tal-appellanta ma tistghax tingieb bhala prova kontra l-appellant, fl-istess stqarrija qatt ma ssemmi lill-appellant u ghalhekk ma jirrizultax pruvat li kien hemm xi ftehim bejn iz-zewg appellanti sabiex isir l-allegat serq. Dwar dan, il-Qorti taqbel li jehtieg li jkun hemm il-prova tal-*common design* bejn il-partijiet u minn ezami akkurat tal-atti processwali jemergi illi kien l-istess appellant li bix-xhieda tieghu kkonsolida l-indizzji cirkostanzjali li wasslu ghas-sejbien ta' htija tieghu fuq l-ewwel imputazzjoni. Quddiem l-Ewwel Qorti huwa xehed illi waqt li kien fil-kumpanija tal-appellant xtaq imur ikellem lill-avukat tieghu il-Marsa u halliha wahidha gewwa hanut tal-helu. Peress li l-hanut kellu n-nies rega hareg u ma sabx lill-appellanta fil-hanut u ghal xi raguni saq lejn il-Marsa u hemm sema qisu letikar gej minn go karozza, raha hierga tigri u rikbet fil-karozza tieghu u saq u minn hemm beda l-insegwiment. L-appellant irid li jitwemmen meta jaghti x'jifhem li f'affari ta' ftit minuti, l-appellanta mxiet sal-Marsa, ftehmet mal-klijent, saqu ghal post imwarrab, ghamlet madwar ghaxar minuti mieghu u malli harget, fil-pront kien hemm l-appellant qed jistenniha fil-karozza tieghu. Kif l-appellant kien jaf li l-appellanta kienet qeghda f'dik il-vettura mal-klijent

taghha jista' jispjegah biss l-istess appellant. L-appellant jargumenta illi meta l-Ewwel Qorti ghamlet il-kunsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-appellant ghamlet referenza ghall-konfessjoni li ghamlet l-appellanta fl-istqarrija taghha. Dan ma hu bl-ebda mod rifless fis-sentenza appellata. Din il-Qorti tqis illi l-Ewwel Qorti kienet kawta hafna dwar dan tant illi mill-atti processwali a fol 187 waqt il-kontro-ezami tal-appellant, l-ispettur prosekutur ittenta jikkonfronta lill-appellant b'dak li qalet l-appellanta fl-istqarrija taghha u l-Qorti minnufih waqfitu;

L-appellant jargumenta ukoll illi fil-konfront tieghu ma kienx hemm il-prova tal-amozzjoni tal-flus. Dwar dan jinghad la darba l-Qorti kienet konvinta li kien hemm il-prekoncert sabiex jitwettaq ir-reat ta' serq u li minn dan irrizulta il-*conrectatio dolosa della cosa altrui, fatta invito domino* allura l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghal-konkluzzjoni li waslet ghaliha.

L-appellanta ressqet bhala gravami li l-Ewwel Qorti kellha ssib htija dwar *raggion fattasi* fit-termini tal-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta ghaliex meta hadet il-kartiera tal-klijent hi ghamlet hekk sabiex tithallas tas-servizz taghha la darba l-klijent ma riedx ihallasha dak li talbet. Anke fis-sottomissjonijiet tieghu quddiem din il-Qorti, l-abbli difensur tal-appellanta talab li tinstab htija dwar l-artikolu 85. Issa, kif korrettament deciz mill-Ewwel Qorti, l-appellanta hadet il-kartiera tal-klijent u harbet biha. Meta wiehed jezamina l-elementi tar-reat ta' *raggionfattasi* jintebah li dawn xejn ma huma applikabbli ghal-eghmil tal-appellanta li dwaru instabet hatja. Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Il-Pulizija vs Reno Micallef deciza fis-6 ta' Gunju 1995 il-Qorti elenkat l-elementi ta' dan ir-reat bil-mod segwenti. *L-elementi kostituttivi tar-reat ta'* ragionfattasi *huma, kif diversi drabi ritenut fil-gurisprudenza taghna, erbgha, u cioe' (1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor; (2) il-kredenza li l-att*

*qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "di privato braccio" dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il-Codice Penali per il-Regno d'Italia Interpretato ecc. Torino, 1895 Vol. VI, pagna 749, "la persuasione di fare da se' cio che dovrebbe farsi reclamando l-opera del Magistrato"); u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara fost diversi sentenzi, Il-Pulizija vs Salvatore Farrugia Appell Kriminali, 14 ta' Dicembru, 1957, vol XLI.iv.1506, u il-Pulizija vs Carmel sive Charles Farrugia (App. 267/94) 17/02/95, decizjoni ta' din il-Qorti).* Elementi dawn li huma ben diversi mill-azzjoni kommessa mill-appellanta u li ghalhekk kellha ragun l-Ewwel Qorti tiskarta. Wiehed mill-elementi li jikkostitwixxi r-reat ta' serq huwa l-intenzjoni li jsir xi qliegh. Issa meta l-appellanta hadet il-kartiera tal-klijent, ma haditx minnha l-ammont minnha pretiz li kienet id-differenza bejn dak li thallset u dak li talbet, hadet il-kartiera kollha u telqet tigri biha. Lanqas, ghal grazzja tal-argument ma setghet tinsab htija fuq dan ir-reat la darba mhux reat kompriz u involut fir-reat ta' serq, izda huwa reat differenti ghall-ahhar mill-istess;

L-appellanta targumenta ukoll illi l-Ewwel Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni ix-xhieda tal-psikjatra Dr. Joseph Spiteri meta ghamlet il-konsiderazzjoniijiet taghha dwar il-piena. L-Ewwel Qorti semghet lill-psikjatra u jidher li fehemet il-problema li biha hi mahkuma l-appellanta tant li fis-sentenza taghha ghamlet rakkomandazzjoni specifika lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex tinghata l-ghajnuna kollha necessarja. La darba l-piena kominata hija sew fil-parametri tal-ligi, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud u s-sentenza appellata qed tkun konfermata fl-intier taghha.